Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 62/2020: XUEREB INSTALLATIONS LIMITED (C15321) V. DAVID GRECH (I.D. 476077M)

(AMMONT DOVUT – AMMISSJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**26 ta' Ottubru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Xuereb Installations Limited ("il-kumpanija rikorrenti") ippreżentata fit-18 ta' Mejju 2020,

wara li rat in-nota t'ammissjoni ppreżentata minn David Grech ("l-intimat") fl-24 ta' Settembru 2020[1],

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kumpanija rikorrenti qed titlob mingħand l-intimat is-somma ta' tlettax-il elf disa' mija sebgħa u tletin euro u seba' u tletin ċenteżmu (€13,937.37), rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' diversi partiti ta' bejgħ ta' materjal relatat ma' xogħol ta' *gypsum*, soffitti u finituri, debitament konsenjati lilu u aċċettati minnu flimkien mal-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali bin-numru 571/2020 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment, u bl-imgħax kummerċjali, dekoribbli mid-data ta' kull fattura sal-jum tal-pagament effettiv.

2. Fl-24 ta' Settembru 2020 l-intimat ippreżenta nota li permezz tagħha ammetta t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti kif dedotti.

[1] Fol 9

3. Din l-ammissjoni la kienet kwalifikata u lanqas magħmula b'xi kundizzjonijiet u għalhekk anke fuq l-iskorta tal-massima *confessio facta in judicio omni probatione major est* it-talba tal-kumpanija rikorrenti tirriżulta ġustifikata u timmerita konferma.

**Deċiżjoni**

4. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talba tal-kumpanija rikorrenti u:**
    1. **Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' ta' tlettax-il elf disa' mija sebgħa u tletin euro u seba' u tletin ċenteżmu (€13,937.37) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' diversi partiti ta' bejgħ ta' materjal relatat ma' xogħol ta' *gypsum*, soffitti u finituri, debitament konsenjati lilu u aċċettati minnu;**
    2. **Tikkundanna lill-intimat jħallas lill-kumpanija rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħax kummerċjali kif mitlub;**
    3. **Fir-rigward tal-ispejjeż ta' din il-kawża kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċċjali bin-numru 571/2020 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment, dawn jkunu a karigu tal-intimat.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur